MINUTI

Laqgħa b'urġenza Nru 32/2021-8

It-Tnejn, 24 ta' Mejju 2021

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ għamel din il-laqgħa b'urġenza b'mod virtwali fuq MS Teams minħabba ir-restrizzjonijiet tal-pandemija u dan skond Direttiva 7/2020.

PREŻENTI b'mod virtwali:

Is-Sur Nicky Saliba – Sindku
Dott. Marlene Cini – Viċi Sindku
Is-Sur Daniel Cordina - Kunsillier
Is-Sinjura Sandra Grech – Kunsilliera
Is-Sur Baskal Saliba - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI b'mod virtwali:

Is-Sna. Odette Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku s-Sur Nicky Saliba.

32.2 **Il-Batterija fil-Qolla l-Bajda**

Is-Sindku nforma lil membri illi din il-laqgħa b'urġenza issejħet mill-Kunsillier Daniel Cordina u ġiet ssekondata mill-Kunsillier Baskal Saliba. Peress li biex tissejjaħ laqgħa b'urġenza minn Kunsillier irid ikun hemm qbil minn terz tal-Kunsillieri għalhekk is-Sindku qabel li din il-laqgħa ssir.

Is-Seg. Eżekuttiv qrat it-talba tal-Kunsillier Daniel Cordina. Dok A.

Is-Sindku nforma lil membri illi f'Kunsilli preċedenti u anke meta is-Sur Mario Cassar kien Viċi Sindku kien enfasizza sabiex dan it-torri ma jitħalliex mitluq u peress li kien hemm każ il-Qorti, il-Kunsill ma seta' jagħmel xejn. Sar jaf illi dan it-Torri ser jittieħed minn 'Din l-Art Ħelwa' minn post fuq *Facebook.* Kompla jgħid illi jaqbel illi dan it-Torri jiġi restawrat minn 'Din l-Art Ħelwa' pero wara għandu jgħaddi lil Kunsill peress li jinsab fil-konfini tiegħu. Kompla jgħid illi bħala Kunsill huwa impossibbli li jitranġa mill-allokazzjoni tal-Kunsill jekk ma jkunx hemm xi fondi mill-Ewropa.

Talab lil Viċi sindku u l-Kunsilliera jagħtu il-verżjoni tagħhom kif ukoll wara jkunu jistgħu jwieġbu l-Perit u l-Avukat tal-Kunsill li kienu mistiedna għal din il-laqgħa virtwali.

Il- Viċi Sindku qalet li bħas-Sindku taqbel ma li qal u taqbel illi hemm bżonn li dan it-torri jitranġa malajr kemm jista' jkun. Kompliet tgħid li l-Kunsill għandu jilqa' l-aħbar b'mod pożittiv li dan ser jitranġa minn 'Din l-Art Helwa'. Talbet lil Kunsillier Cordina sabiex jiċċara rigward id-devoluzzjoni pero' taqbel li d-devoluzzjoni għandha tgħaddi f'idejn il-Kunsill wara li jiġi restawrat peress li l-Kunsill mhux f'pożizzjoni li jirrestawra dan it-torri. Proponiet li ssir talba mad-Direttur li jieħu ħsieb ir-restawr fi ħdan il-Ministeru tal-Kultura sabiex il-Kunsill ikun infurmat bil-proċeduri li huma għaddejjin sabiex il-Kunsill ikun involut u jekk hemm bżonn isir xi ftehim, l-Kunsill ikun ipreparat. Talbet sabiex issir konsulta u gwida mill-Perit u l-Avukat tal-Kunsill f'dan ir-rigard.

Il-Kunsillier Daniel Cordina beda biex irringrazzja lil membri tal-Kunsill li kienu qed jaqblu mal-prinċipju. Kompla jgħid illi jaqbel mas-Sindku u l-Viċi Sindku illi dan it-torri għandu jiġi devolut lil Kunsill wara li jiġi restawrat. Talab sabiex issir laqgħa malajr kemm jista' jkun peress li ilhom isiru talbiet minn naħħa tal-Kunsill sabiex dan it-Torri jiġi aministrat mill-Kunsill. Qal li mhux ġust li l-Kunsill sar jaf li dan it-Torri ser jgħaddi lil 'Din l-Art Ħelwa' minn post fuq *Facebook.* Qal li minn riċerka li għamel, il-kawża li kien hemm miftuha ilha li nqatgħet mill-2016. Kompla jgħid illi t-torrijiet tan-Nadur, ix-Xlendi u l-Qala ġew irestawrati minn 'Din l-Art Ħelwa' b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali u jħossu iddiżapuntat li l-Kunsill ma ġiex ikkonsultat f'dan ir-rigward. Qal li l-post fuq *facebook* intefa' b'ċertu rabja peress li kien hemm krittika sabiex dan jitranġa. Għal dan il-għan propona sabiex issir laqgħa kemm mal-Ministeru tal-Kultura kif ukoll ma 'Din l-Art Ħelwa' sabiex isiru d-diskussjonijiet neċessarji sabiex tiġi salvata din il-Batterija. Is-Sur Cordina qal li iħoss li l-Kunsill għandu jixraqlu aktar konsultazzjoni minn naħa tal-Gvern u mhux jiġi injorat peress li l-proġetti jkunu qed isiru fil-lokalita'.

Il-Kunsilliera Sandra Grech qablet ma sħabha u fakkret li dan qatt ma seta' jitranġa peress li kien hemm każ il-Qorti bejn il-Lands u Kumpanija Privata. Talbet sabiex jitranġa malajr kemm jista' jkun u jsiru l-laqgħat ma' l-entitajiet konċernati mill-aktar fis possibli.

Il-Kunsillier Baskal Saliba beda' biex jirringrazzja lis-Sindku li aċċetta t-talba sabiex issir laqgħa b'urġenza. Kompla jgħid illi iħoss li l-Kunsill kellu jiġi aviċinat u tintalab sabiex issir laqgħa miegħu mhux il-Kunsill jitlob għal laqgħat. Qal ukoll li mhux ġust li l-Kunsill isir jaf li dan it-Torri ser jgħaddi lil 'Din l-Art Ħelwa' minn post fuq *facebook.*

Is-Sindku stieden lil Perit Edward Scerri sabiex jagħti l-veduti tiegħu f'dan ir-rigward. Il-Perit informa lil membri li meta ġew irrestawrati torrijiet li ssemmew mis-Sur Cordina, l-Kunsilli rispettivi dejjem kienu involuti għalkemm il-mekkaniżmu kien differenti. Informa lil membri illi hemm 20% tal-Fondi tal-Planning Authority li jistgħu jintużaw biss minn xi NGO u jekk il-Kunsill jaqbel dawn jistgħu jintużaw għal dan il-proġett. Ta l-parir li l-Kunsill jagħmel il-laqgħat prelimenari ma' 'Din l-Art Ħelwa' qabel ma jieħu xi deċiżjoni u fakkar li din l-NGO xorta ma tista' tagħmel ebda xogħol restawr qabel ma tikseb it-titolu u fakkar li

'Din l-Art Ħelwa' xorta jistgħu japplikaw għal dan il-*funding* mingħajr l-approvazzjoni tal-Kunsill. Wissa' li importanti li l-Kunsill jasal fi ftehim ma' 'Din l-Art Ħelwa' sabiex ikun involut b'mod dirett. Is-Sindku stasqsa lil Perit jistax ikun il-Perit ta' dan il-proġett. Il-Perit wieġeb illi hu speċjalizza fuq ir-restawr. Is-Sindku propona li l-Perit Scerri jkun il-Perit li jieħu ħsieb dan il-proġett u dan għandu jiġi diskuss ma' 'Din l-Art Ħelwa'. Il-membri qablu.

Is-Sindku stieden lil Avukat Scerri sabiex jagħti l-veduti tiegħu f'dan ir-rigward. L-Avukat ta parir li l-ewwel għandu jiġi vverifikat kif inqatgħet il-kawża. Is-Sindku propona li l-Kunsill għandu jagħti aċċess lil Avukat tal-Kunsill sabiex jiċċekja dan qabel ma jibdew id-diskussjonijiet ma' 'Din l-Art Ħelwa'. Il-membri qablu. Is-Sindku talab ukoll sabiex jiġi vverifikat jekk hemmx ħlasijiet pendenti fuq dan it-Torri. L-Avukat informa lil membri li ser jagħmel ir-riċerki mitluba minnu l-Qorti stess.

Is-Sindku rringrazzja lil Perit u l-Avukat talli attendew għal din il-laqgħa.

Il-Kunsillier Cordina propona li sakemm l-Avukat jagħmel ir-riċerki meħtieġa, għandha ssir laqgħa ma' 'Din l-Art Ħelwa'. Is-Sindku wissa' li jista' l-Kunsill jagħmel il-laqgħa li qed tiġi mitluba imbasta l-Kunsill ma jikkomettix ruħu qabel ma jkollu l-parir ta' l-Avukat.

Il-membri qablu.

Il-laqgħa spiċċat fis-6.10 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Nicky Saliba | Odette Camilleri |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |